# Il-Ħadd 02.12.2018

1. Illum 2/12, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   - Infakkar li fejn il-bieb tal-knisja, għandna għall-bejgħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja.
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.
2. Il-Ħamis 6/12:
   - Mis-7:15pm sat-8:30pm - Kunċert bl-Orgni mill-Organista Sqalli, Marco D'Avola fil-Knisja Parrokkjali tagħna bħala parti mill-Malta International Organ Festival. Inħeġġiġkom tattendu kemm biex napprezzaw lill-Organista li ġej jaqsam it-talent tiegħu magħna mingħajr l-ebda ħlas, u kemm biex napprezzaw l-orgni sabiħ tal-Knisja tagħna.
3. Il-Ġimgħa 7/12, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
4. Is-Sibt 8/12, **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Xieraq li nqaddsu dan il-jum bil-quddies, li jkun fil-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa.
5. Il-Ħadd 9/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fit-3:30pm - *Life Network Foundation Malta* qed torganizza *Mixja favur il-Ħajja* fil-Belt Valletta.
6. Avviżi oħra:
   - Wasal il-magazin *'Flimkien'* ta' Diċembru.
     Min is-soltu jieħu ħsieb iqassmu mitlub jiġbru mis-Sagristija mill-aktar fis.
7. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Illum 2/12 ser ikun hemm tellieqa 5 km li tibda u tispiċċa fil-pjazza ta' Ħal Safi mit-8:00am 'il quddiem. Minħabba f'hekk, bejn is-7:00am u 12:00pm, mhux ser ikun permess parking ta' vetturi fil-Pjazza tal-Knisja - quddiem il-Każin San Pawl. Ċertu toroq ser jingħalqu għal ftit ħin sakemm jgħaddu l-atleti.
     Mitlubin issegwu l-istruzzjonijiet tal-pulizija u tal-*marshalls* tat-tellieqa.
   - Qej jiġi ntrodott is-servizz tal-Ġbir tal-Ħwejjeġ użati. Dan ser jibda jseħħ minn quddiem djarkom kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar mill-10:00am 'il quddiem. Importanti li toħorġu l-ħwejjeġ li trid tiddisponu minnhom f'borża *(mhux sewda)* quddiem il-bieb tagħkom. Is-servizz skedat issa huwa għal nhar l-Erbgħa 5/12. Għal aktar dettalji kkuntattjaw il-Kunsill Lokali.